# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 95/2018/1 MH**

**Illum, 9 ta' Novembru, 2018**

**Cecil Herbert Jones**

**vs**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors data 26 ta' Settembru, 2018[1] fejn għar-ragunijiet hemm esposti sintetikament qed jintalab li din il-Qorti toħrog mizura provisorja biex jiġi salvagwardjat il-ħrug ta' għamara ta' l-istess rikorrenti mid-dar tiegħu in eżekuzzjoni ta' mandat ta' żgumbrament, u li dawn jitqegħdu f'xi maħżen dan pendenti il-proċeduri ta' ritrattazzjoni.

---

[1] Fol 1

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali[2] għal-istess talba fejn in suċċint qieghed jikkontesta l-istess talba fl-ewwel lok in kwantu jqies li din mhux diretta lejn min fil-fatt ghandu jirrispondi ghalija in kwantu għal fatt li hu bħala Avukat Generali m'ghandu ebda intenzzjoni joħrog ebda għamara mill-fond dar tar-rikorrenti. Kazo mai huma Charles u Maria Dolores konjugi Grech li għandhom skontu dan l-interess u li ottenjew l-mandat ta' zgumbrament kontra r-rikorrenti.

Ukoll jikkontesta t-talba fuq l-mod ta' uzu ta' l-istess proċedura mitluba u cioe li għandha tinlaqa **biss** f'kaz ta' *"urgenza u saħansitra f'kazijiet ta' urgenza estrema ...ħsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel."*[3]

L-Avukat Generali ta elenku studjat tal-gurisprudenza in rigward.

Rat l-atti kollha.

Semgħet ukoll it-trattazzjonijiet fuq l-istess.

Ikkonsidrat

Illi fin-nota presentata mir-rikorrenti[4] hemm l-*iter* sħih tal-proċeduri li jwasslu għal ilment Kostituzzjonali tiegħu u għaliex wasal għal din it-talba odjerna. Jirribatti ukoll fl-ewwel lok dak li qal l-Avukat Generali li kontrih l-*interim measure/rimedju provisorju* ma tiswiex, ukoll jemfasiżża l-użu ta' l-istess *interim measure/rimedju provisorju* kif maħsub fil-Kostiuzzjoni nostrana, skontu mill-lenti ta l-Imħallef Giovanni Bonello.

Ikkonsidrat

Illi l-fatti li wasslu għal din it-talba jduru mal-pern jekk l-effikaċċja ta'sentenza nonostante li hi kontestata ghandhiex tiġi stullifikata bil-proċeduri mitluba, dan fis-sens ukoll jekk hemmx l-estrem meħtieġ biex jiġġustifika il-proċedura ta'

[2] Fol. 11
[3] Fol 13
[4] Fol 20

*interim measure/miżura provisorja* kontra d-dritt ta' l-assenti Grech biex jesegwixxu sentenza ta' Qorti ta' l-Appell.

Mhux kontestat lir-rikorrenti adopera kull mezz mogħti lilu bil-liġi biex jwaqqaf l-iżgumbrament tiegħu mill-fond mirbuħ mill-konjugi Grech. Tista tgħid li ma ħalla xejn għal imaginazzjoni mil-lat legalistiku. Pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta hemm ukoll rikors kostituzzjonali rigwardanti allegat ksur ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem Kap 319, l-artikolu 8 ta' l-istess Konvenzjoni u 38 tal-Kostituzzjoni l-artikolu 1 tal-l-Ewwel Protokol dwar id-Dritt għat-Tgawdija tal-Propjeta ukoll l-artikolu 34(2) tac-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropea.

L-Avukat Ġenerali kif ingħad jqies li t-talba għal proċedura *interim/provisorja* mressqa fil-konfront tiegħu m'għandha ebda effikaċċja kontrih għaliex jekk milqugħa fil-konfront tiegħu tali miżura ma tagħmel ebda stat fil-konfront tal-konjuġi Grech, assenti min dawn il-proċeduri u li huma l-eżekutturi tal-mandat ta' żgumbrament.

Ir-rikorrenti għandu raġun *in parte* meta jargumenta li l-leġittimu kontradittur f'kawżi fejn si tratta ta' lment kostituzzjonali huwa l-Avukat Ġenerali dan dejjem skont dak provdut fl-Artikolu 181B(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Pero l-Avukat Ġenerali mhux qed jgħid mod ieħor. Minn naħa l-oħra r-rikorrenti jiżbalja fejn jgħid li l-miżura mitluba minnu ma tmissx lil konjuġi Grech. Daqs kemm huwa l-Avukat Generali li jirrispondi f'isem il-Gvern għal ksur ta' xi dritt Kostituzzjonali/konvenzjonali kif hawn maħsub, pero huwa ma jista qatt u m'għandux il-mezzi li jwaqqaf lil konjugi Grech milli jkompplu bl-eżekuzzjoni ta' mandat. Huwa miżmum li sentenza miksuba f'kawzi ta' ksur kostituzzjonali hija waħda li ghandħa effettt *inter partes,* daqstant ieħor fil-fehma ta' din il-Qorti l-miżura mitluba. Milqugħa t-talba tar-rikorrenti, l-

miżura ma tista qatt żżomm lil konjuġi Grech li qatt ma rrispondew għalija imma biss l-Avukat Ġenerali kontra min hi diretta, li kif stqarr m'għandu ebda intenzzjoni jevakwa d-dar mill-għamara.

Pero l-aktar punt li jimillita kontra t-talba mressqa huwa dak li joħrog mill-vera skop tal-proċedura hekk imsejjħa *interim measure.*

F'digriet simili ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Sherif Mohamed Shennawyh vs Avukat Ġenerali et**.[5]

Intqal hekk dwar il-bazi u r-raġuni għall-hruġ ta' din l-ordni

***"(b) f'liema ċirkostanzi jingħataw***
***(b-1) fid-diskrezzjoni tal-Qorti***
*Illi kif tajjeb osserva l-għaref Imħallef Dr. J.R. Micallef in re:* ***Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et***[6] *f'materja ta' ordnijiet bħal dawn:*

*"Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;*

*"Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwistjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet*[7]*;*

[5] Deċiz 4 ta' Ottubru, 2018 rikors 82/2018GM
[6] PA (Kost) 2 ta' Gunju, 2014
[7] Ara provediment P.A. (Kost) AJM 5.10.1999 fil-kawza f-ismijiet Joseph Gauci et. Avukat Generali et.

***(b-2) dannu irreparabbli lis-saħħa jew il-ħajja***

*"Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-*awtorita` *u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment*[8]*. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ* prima facie *ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu*[9]*. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ".*[10]

*Illi t-trattisti ewlenin f'dan il-qasam jenfasizzaw li l-Qorti Ewropeja bħala regola ma takkordax dan ir-rimedju; dan jingħata biss f'każijiet verament eċċezzjonalment*:

"*The crucial significance of interim measures is further highlighted by the fact that the Court issues them, as a matter of principle only in truly exceptional circumstances and on the basis of a rigorous examination of all the relevant circumstances".*[11]

"*By their very nature, interim measures are ordered on the basis of a plausible assertion of a risk of irreparable damage. Later, as evidence is produced in the course of the proceedings, this may prove not to correspond to reality. But it is precisely for the purpose of preserving the Court's ability to render such a*

---

[8] Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawza fl-ismijiet Mamatkulov et. vs Turkija (Applik Nru. 46837/99 110

[9] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak; Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edition 2006), 2.2.8.8, p113

[10] Deg P.A. Kost AE 16.4.2014 fil-kawza fl-ismijiet Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et.

[11] Kasymaskhunov vs Russia, no. 296041/12 para. 181, 14 Novembru, 2013.

*judgement after an effective examination of the complaint that such measures are indicated"*[12]

"*As a general practice, measures are applied only where there is an apparent real and imminent risk or irreparable harm to life and limb (cases under arts 2 or 3) – as stated in the Practice Direction on Requests for Interim Measures, 'a real risk of serious, irreversible harm'.*"[13]

"*Today, interim measures are essentially issued to temporarily halt the deportation or extradition of an applicant owing to danger for his integrity or life upon arrival in the receiving country*"[14] L-istess awtriċi tkompli tgħid li "*While the procedure has been invoked in respect of other types of cases, for example the adoption of children, which may arguable be of an irreparable nature, r. 39 has not been applied save in a few exceptional cases*."[15]

***(b-3) jingħataw biss eċċezzjonalment minħabba d-dritt għall-ħajja familjari***

*Illi apparti li l-interim measures jingħataw biss f'każijiet eċċezzjonali, terġa' u tgħid f'dawk l-istanzi fejn effettivament jingħataw, il-kunsiderazzjoni tad-dritt għall-ħajja familjari tingħata rarament. "Interim measures usually concern the right to life, the right not to be subjected to torture or inhuman treatment and, more exceptionally, the right for private and family life".*[16] "*An interim measure*

[12] William A. Schabas, The European Convention on Human Rights, paperback edition 2017, pagna 750-1. L-awtur jiċċita: Al-Saadonn and Mufdi v. The United Kingdom, no 61498/08 para 160, ECHR 2010 (extracts) ; Mamatkulov and Askarov v. Turkey (GC), NOS 46827/99 and 46951/99, para 2005-1; paladi v Moldova (GC), no. 39806/05 para 86, 10 March 2009.
[13] Karen Reid; A Practitioner's Guide to The European Convention on Human Rights, 5th Edition, 2015, pge 19
[14] Van Jijk, op. Cit. P 92
[15] Op.cit. p 20
[16] William A.Schabas, The European Convention on Human Rights, paper back edition 2017, page 751

*has also, albeit very exceptionally, been issued to suspend the deportation to prevent a violation of the right to family life*".[17]

*Illi l-ħarsien tat-tfal jingħata attenzjoni partikolari anke f'każijiet bħal dawn:*

*"Cases concerning the welfare of children on expulsion of parents attract particular concern: e.g. children not being removed with their parents and it being unclear who was going to look after them; where the mother was being expelled and was unable to take the child with her due to freak last minute change of custody to father (Numez v Norway, 28 June 2011); where both parents were being extradited to the United States and arrangements for six young children was unclear (KAS v UK (App. No. 38844/12), case struck out on 4 June 2013; where mother to be extradited to Poland, fate of her baby uncertain (Gerczowska v UK (App. No. 15158/12), struck out on 16 December 2012).*[18]

***b-4) fejn l-applikant ikun ħati ta' ċerti reati u jallega ksur tal-jedd għall-ħajja familjari***

*Illi skont Artiklu 8 tal-Konvenzjoni, ma jistax ikun hemm indħil fil-ħajja familjari għajr, inter alia, skont il-liġi fl-interess ta' sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika (public safety), u l-prevenzjoni ta' diżordni jew delitti. F'**Comert v Denmark**[19] il-Qorti sabet li l-awtoritajiet Daniżi kienu laħqu bilanċ bejn dawn iż-żewġ elementi meta r-rikorrent wettaq delitt li mhux biss kien serju imma wieħed li, fit-twettiq tiegħu għamel ħsara lill-familja tiegħu stess.*

---

[17] Peter van Dijk et. Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, 5th ed., 2018 page 92. L-awtur jiċċita :Neulinger and Sharuk v Switzerland, EctHR (GC) 6TH July 2010, appl. No. 41616/07.
[18] Karen Ried, A practitioner's guide to The European Convention on Human Rights, 5th Edition, 2015, page 20 footnote no 90
[19] Deċiża 10.04.2006 (Appl no 14474/03).

*F'***Salem v Denmark**[20] *ġie deċiż li ulied ir-rikorrent ma kinux se jiġu ppreġudikati billi qajla kien jarahom. Il-gravita` tar-reat kommess mir-rikorrent kienet tegħleb kunsiderazzjonijiet ta' ħajja familjari. Ma kien hemm xejn x'jipprojbixxi lil uliedu milli jżuruh fil-Lebanon fejn kien sejjer jintbagħat."*

Magħdud ma l-istudju li sar f'dan id-digriet suriferit fejn t-talab għal mizura interim għandha ssib applikazzjoni, din il-Qorti tagħmel ukoll referenza ampja għal **Factsheet** maħruga mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-suġġett in ezami li tagħti linji gwida ċari fejn din il-mizura straordinarja għandħa tintuża;-

*"The European Court of Human Rights may, under Rule 39 of its Rules of Court, indicate interim measures to any State party to the European Convention on Human Rights. Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question.*

*In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants such requests for an interim measure only on an exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm. Such measures are then indicated to the respondent Government. However, it is also possible for the Court to indicate measures under Rule 39 to applicants."*

---

[20] Deċiża 01.12.2016 (appl. No. 77036/11)

L-istess Factsheet tkompli illi:

*"Scope of interim measures*
*In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the application is being examined.*

*The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 (right to life) of the European Convention on Human Rights) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment) of the Convention. More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair trial (Article 6 of the Convention) and the right to respect for private and family life (Article 8 of the Convention).*

*In the Court's case-law as it currently stands, Rule 39 of the Rules of Court is not applied, for example, the following cases: to prevent the imminent demolition of property, imminent insolvency, or the enforcement of an obligation to do military service; to obtain the release of an applicant who is in prison pending the Court's decision as to the fairness of the proceedings; to ensure the holding of a referendum2; or to prevent the dissolution of a political party."*

l-istess *Factsheet* tkompli biex telenka mbagħad il-kazijiet fejn din il-miżura ġiet apllikata mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem-:

- *Expulsion or extradition cases; risk to life or torture, inhuman or degrading punishment or treatment;*
- *Risk of ill-treatment realatred to sexual orientation*
- *Risk of stoning for adultery*
- *Risk olf being subject to genital mutilation*
- *Risk of Social Expulsion*
- *Risk of Sexual Exploitation*
- *Expulsion cases with a health/medical element*
- *Risk of being sentenced to death or life imprisonment if extradited*
- *Risk of flagrant denial of justice ( hawn dejjem trattat mill-lenti ta' expulsion u jew extradition)*
- *Risk to private life and Family ..."where there is a potentially irreparble risk to private life and family"*[21]
- *Particular situation of expulsion/extraditions to another State party to the Convention*
- *Health and conditions of detention.*
- *Preventing the destruction of an element essential for the examination of an application.*
- *Right to a fair trial and legal representation*
- *Stay of execution of a decision authorising to discontinue nutrition and hydration allowing patient in state of total dependence to be kept alive artificially.*
- *Stay of removal order*

[21] Factshett pagna 7

**Tikkunsidra**.

Illi l-Qorti ħadet l-iżbriga tagħmel dan l-elenku biex turi biċ-ċar fejn isibu applikazzjoni dawn il-miżuri daqshekk straordinarji skont il-Qorti Ewropea.[22] Ġia *ad occhio* wieħed jista jieħu apprezament tas-serjeta' ***fihom trattat***, kif ben suċitat *fear of irreparable damage, harm* jew *imminent risk*. <u>Bla tlaqliq tgħid li dan mhux il-każ li tiskontra fit-talba in eżami.</u>

Pero jinħtieġ jingħad ukoll illi fil-ġurisprudenza nostrana nsibu lil Qrati tagħna, f'sede kostituzzjonali, anke in sostenn ta' rimedji provisorji meqjusa neċċessasrji biex jiġi provisorjament rimedjat **allegat** ksur Kostituzjonali, marret oltre dan elenkat fl-għoti ta' miżura interim. Għallhekk naraw li nonstante il-prinċipju kardinali tar-*res gudikata* li saħħaħ fuqu l-Avukat Ġenerali illi f'żewġ provedimenti riċenti il-Qorti Prim'Awla Sede Kostituzzjonali għaddiet biex toħrog rimedji provisorji mitluba anke meta rinfaċċata b'ġudikat. Għalkemm naraw li fid-deċizzjoni fl-imijiet **Joseph Emanuel Ruggier vs Joseph Oloiver Ruggier pro et noe.**[23] il-Qorti qalet hekk fir-rigward tal-gudikat:-

"*ghalkemm huwa minnu illi, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, din il-qorti ghandha wkoll is-setgha li tholl lill-partijiet mir-rabta ta' res judicata jekk dan ikun mehtieg biex taghti rimedju kontra ksur ta' drittijiet fondamentali, dan ma ghandux isir leggerment u zgur mhux qabel ma tkun inghatat sentenza li ssib illi tassew kien hemm dak il-ksur. Allegazzjoni ex parte illi sar ksur ta' dritt fondamentali ma hijiex ekwivalenti ghal sejbien gudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, u hija ghal kollox inkompatibbli mas-serjetà tal-process gudizzjarju u l-finalità ta' res judicata illi sentenza tinzamm milli titwettaq ghax xi hadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali. Fil-fehma ta' din il-*

---

[22] Għandu jiġi rilevat ukoll li l-istess linji gwida elenkati fil-**factsheet** ma torbotx idejn il-Qorti Ewropea
[23] Rikors Nru. 21/05 deċ1iza 4/07/2005 P.A.

*qorti, sentenzi li saru res judicata ghandhom jitqiesu li jiswew u li nghataw rite et recte sakemm ma jintweriex mod iehor."*

Pero **imbagħad** din il-Qorti diversament preseduta, fil-każ fl-ismijiet **Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et**[24] ordnat bħala provvediment proviżorju il-ħelsien mid-detenzjoni tar-rikorrenti dan nonostante li r-rikorrenti kien ġie misjub ħati tal-akkuzi mressqa kontrih u ikkundannat għall-piena ta' habs b'sentenza li **għaddiet in ġudikat**. F'din id-deċiżjoni l-Qorti stabbilit il-prinċipji legali u dottrinali li għandhom jigwidaw il-Qrati tagħna fil-materja ta' *interim relief* u qalet fost kollox illi :-

" *Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ;*

*Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha.*

[24] P.A. Kost 2 ta' Gunju, 2014.

*Illi għalkemm huwa minnu, kif jallegaw l-intimati, li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-**regolament 39 tar-Regoli tal-Proċedura** ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni."*

Illi dan l-insjament ġie adoperat minn din il-Qorti diversament preseduta fil-provediment fl-ismijiet **Anthony Mario Vella et. vs Registratur tal-Qorti u Tribunali et.**[25] fejn il-Qorti qalet dan:-

*"Illi mill-gurisprudenza ccitata jidher li l-Qrati taghna ma jeskludux a priori l-hrug ghall-mizura provizorja meta l-mizura interlokutorja qed tintalab sabiex jigi evitat dannu u pregiudizzju irrimedjabbli anke wara sentenza definittiva. Ir-rimedju kostituzzjonali joffri lic-cittadin l-ahhar, u f'certu kazi, l-unika protezzjoni kontra l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali minnkejja l-legittimita' taghhom skont il-ligi ordinarja tal-pajjiz. Isegwi ghalhekk li din il-Qorti mhix mizmuma milli tikkonsidra talbiet bhal dak odjern fl-ambitu tal-principji legali konvenzjonali.*

*Illi hija haga mill-ewl id-dinja li l-hrug ta' misura provvisorja tkun necessarja sabiex ir-rimedju li jista' jinghata fis-sentenza finali f'kaz ta' sejbien ta' ksur ikun wiehed effettiv, kapaci li jissana l-vjolazzjoni."*

[25] P.A. Kost 61/2017 deċiż 27/7/18

Tqies:-

Illi r-rikorrent llum rinfaċċat bi żgumbrament qiegħed jopponi bis-saħħa t-tneħħija ta' l-għamara mid-dar minnha żgumbrat. **U din hija t-talba mressqa għal kunsiderazzjoni tal-Qorti.** Talli tneħħija ta' għamara mandankollu **ma tista qatt** tikkostitwixxi dan l-*imminent danger u irreparable harm* paragunabbli ma dak elenkat fil-**Factsheet** suriferit, lanqas għal pregudizzju irrimeddjabbli kif qalet il-Qorti nostrana. Fil-fatt talli tneħħija, anke jekk fil-futur jirrizulta lir-rikorrenti għandu ragun fuq xi ilment kostituzzjonali mressaq, jew saħansitra kollha, ma tikkostitwixxi qatt dan id-dannu irriparrabbli maħsub. Altroche', għax fil-fatt mhux wieħed ta' xi effett irremedjabbli, fi kliem ieħor ma tikostitwix ħsara li ma tistax titregga lura tant li timerita li tiġi adoperata din il-miżura meqjusa ta' natura straordinarja.[26]

**Konsegwentement tiċħad it-talba in eżami.**

**Imħallef M.Hayman.**

---

[26] Footnote 8.